Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2025)0216

L-irtirar tal-Unjoni Ewropea mill-Grupp Internazzjonali ta’ Studju dwar il-Gomma (IRSG)

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ottubru 2025 dwar l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-irtirar tal-Unjoni Ewropea mill-Grupp Internazzjonali ta’ Studju dwar il-Gomma (IRSG) (11951/2025 – C10-0208/2025 – 2017/0159(NLE))

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill (11951/2025),

– wara li kkunsidra l-Kostituzzjoni tal-Grupp Internazzjonali ta’ Studju dwar il-Gomma[1], u b’mod partikolari l-Artikolu XVI, il-paragrafu 3, tiegħu,

– wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C10-0208/2025),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 107(1) u (4), u l-Artikolu 117(7) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A10-0186/2025),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-irtirar tal-Unjoni mill-Grupp Internazzjonali ta’ Studju dwar il-Gomma;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lis-Segretarjat tal-Grupp Internazzjonali ta’ Studju dwar il-Gomma.

---

1 ĠU L 264, 8.10.2011, p. 14, ELI: http://data.europa.eu/eli/statute/2011/1008/oj.